BIRKIRKARA

## KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Sitta-u-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2009, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 35**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 27**
5 **Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti**
6 **Korrispondenza**
7 **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8 **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tas-Sitta-u-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2009 mis-6:32p.m. sas-7:31pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sinjura Doris Borg – Assenti, imma Skuzata |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo ---Assenti, imma Skuzat |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, , Sergio Carbonaro, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera Dr.Josianne Cardona Gatt dahlet fil-kamra fis-6:56pm. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillier is-Sur Roberto J. Buontempo, kienu assenti, imma skuzati. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

## 1. Talba.

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 35

Il-Minuti tal-Hamsa-u-Tletin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Wara li saret korrezzjoni f'*items* 4 u 5 huma gew approvati b'disa' voti favur, xejn kontra u astenzjoni wahda. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur John Mary Calleja. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw. Dr. George Debattista astjena ghax hu ma kienx prezenti ghal-laqgha numru 35.

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 35

3.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri accena ghal *item* 5. Hu staqsa lis-Sindku:- Jekk il-Kunsill kienx ircieva l-flus minghand il-Kumitat Kongunt ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-jiem li gejjin kien ser jiltaqa' l-Kumitat biex japprova l-pagament. Hawnhekk is-Sindku qassam kopja ta' tlett' skedi li jaghtu stampa cara dwar il-kontravenzjonijiet li nghataw fis-snin 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, kif ukoll tabella ohra li turi l-ispejjez li kien hemm minn April 2006 sa Frar 2009 nkonnessjoni mal-*wardens*. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami fl-ispjega tieghu ghamel ukoll riferenza ghar-rapport imhejji mid-datatrak bit-titlu ***'Debt Collection- Proposal for Office of Prime Minister, Local Councils Association, Joint Committees, and Local Councils'***

8.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg ghal l-isprall li hemm maghluq fi Sqaq Rigu. Hi staqsiet meta dan l-isprall kien Ser jigi rrangat. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-isprall imsemmi ilu maghluq snin. Hu qal li kien inghata parir biex ix-xoghol fuq dan l-isprall isir fis-sajf.

8.3 Il-Kunsilliera Joanne Borg acceniet u staqsiet dwar id-diversi problemi li jezisti Triq il-Ftieh. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-problemi fi Triq il-Ftieh huma problemi konnessi mal-livelli tal-bini. Dwar il-problema ta' l-gharghar mill-ilma tax-xita hu qal li l-ADT kienet ghamlet *soak aways* fil-blat.

8.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw ghamlet riferenza ghal persuna li kienet qeghda tbattal l-ilma permezz ta'pompa gewwa Triq F. Zahra. Hi staqsiet x'jista' jsir min-naha tal-Kunsill ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li ghandna niccekkjaw u wara nghaddu l-ilment lill-Pulizija.

**9 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien is-7:31pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**